MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Numru. 1007/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Rita Mifsud**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputata Rita Mifsud ta’ sitta u erbghin (46) sena, bint il-mejtin Nazzareno Buhagiar u Nina Fenech, imwielda B’Kara nhar l-20 ta’ Dicembru 1963, 330, St. Joseph Flats, Nru.

6, Triq in-Naxxar, B’ Kara u detentrici ta’ karta tal-Identita’ numru 265364(M).

Talli nhar il-25 ta’ Settembru tas-sena 2010 u fil-granet u xhur ta’ qabel f’ diversi hinijiet u postijiet differenti f’ dawn il-gzejjer b’ diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda ikkommettejt serq permezz ta’ Quickcash Card liema serq jammonta ghall-valur ta’ erbgha u tletin elf u mitt Euro(€43,100.00) u liema serq huwa aggravate bil-valur ta’ aktar minn elfejn, hames mija u tnejn u sittin u wiehed u tletin centezmu (€2,562.31) u li sar ghad-dannu ta’ John Dingli u jew ta’ persuni jew entitajiet ohra u dan ai termini tal-artikoli 18, 308 u 310 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, b’ mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b’ qerq iehor, ingann jew billi wrejt haga b’ ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, ghamilt qliegh ta’ erbgha u tletin elf u mitt Euro(€43,100.00) ghad-dannu ta’ John Dingli u jew ta’ persuni jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-artikoli 18, 308 u 310 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi ghamilt qliegh ta’ erbgha u tletin elf u mitt Euro(€43,100.00), liema qliegh sar b’ qerq u dan sar ghad-dannu ta’ John Dingli u jew ta’ persuni jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-artikoli 18, 308 u 310 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, approprjat ruhhek, billi dawwart bi profit ghalik u ew ghal persuni ohra, minn haga ta’ haddiehor, li giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu illi kien iggib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li suppost issir uzu minnha specifikat u dan ai termini tal-artikoli 18 u 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputata;

Issibha hatja;

Semghet lill-imputata tikkonferma mill-gdid d-dikjarazzjoni ta’ htija taghha;

Rat l-art. 18, 279(b), 308, 310(1) (a), 309 u 293 tal-Kap 9 u tikkundannha ghall-piena ta’ prigunerija ghall-perijodu ta’ sentejn (2) millum;

Rat l-art. 28A tal-Kap 9 u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tqis li hu ghaqli li l-piena fuq inflitta tigi sospiza ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin millum;

Rat l-art. 284 ta’ l-istess Kap u tordna li l-ammont rimanenti ta’ flus dovut lill-parte civile jigi restiwit lill-istess parte civile, John Dingli, fi zmien sitt (6) xhur millum;

Tiddikujara li fehmet lill-imputata bl-effetti tal-istess sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------